MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**IAN FARRUGIA**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2013

Numru 904/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Darren Buhagiar)**

**Vs**

**Fatoumata Konate**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Fatoumata Konate, nazzjonalità Mali, imwieleda Mali, fl-01 ta' Ottubru 1980, bint Bahe u Mamon, u detentrici tan-numru tal-Passaport Taljan 664404, fejn giet akkuzata talli:

a) fit-18 ta' Settembru 2013 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gżejjer iffalsifikat, biddlet jew għamlet xi tibdil f'Passaport Taljan u permess ta' residenza Taljan jew kellha fil-pussess tiegħu xi Passaport jew permess ta' residenza li hi kienet taf li ġie ffalsifikat, imbiddel jew sar xi tibdil fih (Kap 61, Sec 5 tal-Liġijiet ta' Malta);

b) kif ukoll nakkużaha talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamlet falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamlet użu minn xi dokumenti oħra iffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija (Kap 9, Sec 189 tal-Liġijiet ta' Malta).

c) kif ukoll nakkużaha talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi iffalsifikat xi dokumenti jew kopji vera ta' dokumenti jew reġistrazzjonijiet magħmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1d) tal-Liġijiet ta' Malta)

Rat il-verbal tas-Seduta ta' llum stess;

Rat l-atti u d-dokumenti u semghet lill-Ufficjal Prosekutur tixhed bil-gurament;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputata anki wara li inghatat iz-zmien skond il-Ligi sabiex tirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjoniet finali dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika li din il-Qorti ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, l-Qorti ma ghandiex triq ohra hlief li ssib htija skond l-imputazzjonijiet kif dedotti.

Qieset illi dan il-kaz beda u ser jispicca b'heffa liema bhala. U definittivament l-ammissjoni f'dan l-istadju ta` l-imputata (li ammettiet ukoll fl-istqarrija li tat lill-pulizija) qed jittiehed in konsiderazzjoni fil-kalibrazzjoni tal-piena. Qieset l-element ta` dwejjaq u frustrazzjoni li persuni bhall-imputata jkunu ghaddejjin minnhom fic-cirkostanzi partikolari tal-hajja taghhom. Qieset li l-imputata ghandha bint minuri ta` sitt snin li tinsab maghha.

**Ghal-mottivi premessi l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 32(1d) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Artikolu 5 tal-Kap 61 tal-

Ligijiet ta` Malta, u l-Artikoli 189, 17 u 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja ta' l-imputazzjoniet kollha dedotti kontra taghha u tikkundannaha sitt (6) xhur prigunerija, li bl-applikazzjoni u ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, jibqghu sospizi ghall-perjodu ta' sena (1) millum.

Il-Qorti tat lill-hatja l-ispjegazzjoniet mehtiega skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------